Nru. 18,258
Prezz/Price
€0.28 (Lm0.12)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Mejju, 2008
Tuesday, 27th May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 465

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	27 - 31.05.2008

Is-27 ta' Mejju, 2008

Nru. 466

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) għal Preparazzjoni u Produzzjoni ta' l-Ikel u Servizzi ta' Ikel u Xorb, għal perijodu ta' sentejn li jistgħu jiġġeddu skond il-bżonn. Iż-żewġ persuni nominati se jissostitwixxu Membri tal-Bord li rriżenjaw, wieħed minħabba raġunijiet personali u l-ieħor għax irtira.

Chairperson
Jesmond Atkins

Membru Tekniku
Anthony Calleja

Is-27 ta' Mejju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 465

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	27 - 31.05.2008

27th May, 2008

No. 466

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) for Food Preparation and Production and Food and Beverage Servicing, for a period of two years that can be renewed subject to need. Both nominees will be replacing Board Members that handed in their resignation, one citing personal reasons and the other retirement.

Chairperson
Jesmond Atkins

Technical Member
Anthony Calleja

27th May, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Postijiet ta' Arkitett u Inġinier Ċivili/Arkitett u Inġinier Ċivili *Junior* fil-*Valley Management Unit* tat-Taqsima tas-Servizzi, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tas-Servizzi), jgħarraf li r-riżultat għall-proċess imsemmi hawn ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* fi Project House, il-Furjana, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-27 ta' Mejju, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result for the Interviews of the Posts of Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the Valley Management Unit of the Services Division, Ministry for Resources and Rural Affairs

The Director General (Services Division) notifies that the result for the above mentioned selection process has been published and can be viewed on the notice-board of Project House, Floriana and that of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

27th May, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Post ta' *Foreman (Works Planning System)* fid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-Manutenzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tas-Servizzi), jgħarraf li r-riżultat għall-proċess imsemmi hawn ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* fi Project House, il-Furjana, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-27 ta' Mejju, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result for the Interviews of the Post of Foreman (Works Planning System) in the Department of Construction and Maintenance of the Works Division, Ministry for Resources and Rural Affairs

The Director General (Services Division) notifies that the result for the above mentioned selection process has been published and can be viewed on the notice-board of Project House, Floriana and that of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

27th May, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*AQA Jannar 2008*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-Eżamijiet ta' l-AQA Jannar 2008 issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-karta ta' l-identità tagħhom u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mit-tutur, għandhom jintwerew il-Karta ta' l-Identità tat-tutur u tal-kandidat.

Is-27 ta' Mejju, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The AQA January 2008 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the AQA January 2008 Examinations have been received and can be collected as follows:-

Malta candidates:-
Examinations Department
Floriana

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their identity card and result slip.

If the certificate is collected by the guardian, the identity card of both the guardian and the candidate should be presented.

27th May, 2008

The Results of the Mtarfa Local Council Election held on the 24th May, 2008 may be viewed on the website of the Department of Information

CLICK HERE TO VIEW RESULTS

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

836

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Mejju 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Logic International Limited (C13340) ta' 82, Ursuline Sisters Street, Guardamangia, ippreżentaw Talba fis-17 ta' Marzu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Etienne Bartolo (ID Nru 383977M) ta' Villa Eugenie, Block C, Flat 20, Dun Gaetano Mannarino Road, Birkirkara u Karl Vella (ID Nru 000382M) ta' Dar it-Tuta, Triq l-Ħwawar, Iklin, f'isimhom proprju u in nom u in rappreżentanza tas-soċjetà PBA Limited (C38972), sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,351.82 (Lm1,438.94) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (258/08ISB) hija differita għas-6 ta' Ġunju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 20th May 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Logic International Limited (C13340) of 82, Ursuline Sisters Street, Gwardamangia, filed a Claim on the 17th March 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Etienne Bartolo (ID 383977M) of Villa Eugenie, Block C, Flat 20, Dun Gaetano Mannarino Road, Birkirkara and Karl Vella (ID000382M) of Dar it-Tuta, Triq il-Ħwawar, Iklin in their own name and for and on behalf of the company PBA Limited (C38972), to pay the plaintiff company the sum of €3,351.82 (Lm1,438.94) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 258/08ISB) is put off on the 6th June 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 26th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

837

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' April 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 628/08, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Colic Miodrag et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Colic Miodrag ta' 83, Flat 1, Ix-Xatt ta' Tignè, Sliema, Serjic Bosko ta' 24, La Vallette Court, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa u Colic Bosko ta' 17, Flat 7 Triq il-Flotta Għira, fil-11 ta' Frar 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt li tagħmel riferenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-22 ta' Diċembru 2007 għall-ħabta ta' 4.55 a.m. ġewwa Main Road, St Julians, illi fih kont involut int Colic Borko, tirrileva għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, illi l-istess xufier ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni relattiva ...omissis...

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 28th April 2008, in the records of the judicial letter number 628/08, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Colic Miodrag et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Colic Miodrag of 83, Flat 1, Ix-Xatt ta' Tignè, Sliema, Serjic Bosko of 24, La Vallette Court, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa u Colic Bosko ta' 17, Flat 7, Triq il-Flotta, Gzira, on the 11th February 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occured on the 22nd December 2007 round about 4.55 a.m. in Main Road, St Julians, in which involved you Colic Bosko, points out for all intents and purposes of Law, that the driver was not covered by the relative insurance policy ... omissis ...

Inoltre, assolutament mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, il-mittenti formalment tirrileva illi intom aġixxejtu bi ksur tal-Polza ta' Assigurazzjoni relattiva, stante illi intom inqastu milli tirreġistraw claim .... omissis .....

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-mittenti ma hijiex se teffettwa l-ebda pagamenti in konnessjoni mad-danni reklamati mit-terzi riferibbilment għall-inċident de quo, u f'każ illi hija tiġi obbligata illi teffettwa tali pagamenti għannom tagħkom .... omissis ...

Fl-aħħarnett, mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq premess, il-mittenti tinterpellakom, sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tersqu għall-assunzjoni tar-responsabbiltà għall-ħlas ta' l-ammont kollu ta' danni sofferti mit-terzi, fl-inċident de quo u l-ispejjeż kollha relattivi.

Il-mittenti tinformakom illi fin-nuqqas hija se tipproċedi wkoll b'rapport formali lill-Pulizija Eżekuttiva, il-mittenti formalment tirrileva illi dan il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-Polza ta' Assigurazzjoni relattiva da parti tagħkom jikkostitwixxi reat kriminali illi jġorr miegħu pieni ħorox, ...omissis ....

Inoltre, intom tiġu skwalifikati milli żżommu liċenza tas-sewqan għal perjodu li ma jeċċedix it-tnax (12)-il xahar. Dawn il-pieni jkunu jridu jiġu minnkom imħallsa u sofferti oltre għall-ammont ta' danni sofferti mit-terzi, l-interessi legali u l-ispejjeż ġa msemmija.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruhkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Moreover and without prejudice to the above, the sender formally points out that you have acted in breach of the relative insurance policy, due to the fact that you have failed to lodge a claim ... omissis ....

Thus in these circumstance, the sender shall not pay the damages claimed by third parties involved in the said accident, and in the event that it shall be obliged to effect such payment on behalf of any of you, ...omissis...

Lastly, without prejudice to all that above premised, the interpellant calls upon you so that within three (3) days you comne forward to assume responsability for the payment of all the amount of damages suffered by third parties, in the incident de quo, and all the relative expenses.

You are being formally warned that in default, the sender shall formally bring the matter to the attention of the Executive Police. The sender also formally points out that such breach of the relative Insurance Policy on your behalf constitutes a criminal offence which severe punishments ... omissis...

Moreover you would be disqualified from holding a driving licence for a period of not more than twelve (12) months. Over and above these penalties, you would also have to pay the amount due by way of damages as may be claimed by third parties, and judicial interests and expenses as detailed above.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of law especially but not exclusively of Chapter 104 of the Laws of Malta.

You may be guided accordingly.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 26th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*